DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/1765

tal-5 ta' Ottubru 2021

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea, għall-perijodu 2021–2026, fi ħdan il-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fid-29 ta' April 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2021/689 [1] dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra [2] (il-"Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni"). Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2021.

(2) L-Artikolu 8(1), punt (q) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jistabbilixxi l-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd. Il-kompetenzi tiegħu huma stipulati fl-Artikolu 8(4) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

(3) L-Artikolu 8(4), punt (f) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jagħti s-setgħa lill-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd biex jistabbilixxi, jissorvelja, jikkoordina u jxolji l-Gruppi ta' Ħidma.

(4) F'konformità mal-Artikolu 8(10) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, u b'deroga mill-Artikolu 8(9) tiegħu, il-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd jista' jadotta u sussegwentement jemenda r-regoli tiegħu stess li għandhom jirregolaw il-ħidma tiegħu.

(5) L-Artikolu 508 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jelenka, b'mod mhux eżawrjenti, il-kompiti u l-oqsma ta' kompetenza tal-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd.

(6) Il-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd huwa responsabbli għall-adozzjoni ta' miżuri, inkluż deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet, b'appoġġ għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 494 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, b'mod partikolari l-għan li jiġi żgurat li l-attivitajiet tas-sajd għall-istokkijiet kondiviżi fl-ilmijiet tal-Partijiet ikunu ambjentalment sostenibbli fit-tul u jikkontribwixxu għall-kisba ta' benefiċċji ekonomiċi u soċjali, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet u l-obbligi ta' Stati kostali indipendenti kif eżerċitati mill-Partijiet, u l-objettiv li jiġu sfruttati l-istokkijiet kondiviżi b'rati maħsuba biex iżommu u progressivament jirrestawraw il-popolazzjonijiet ta' speċijiet maħsuda 'l fuq mil-livelli tal-bijomassa li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli. Tali miżuri jistgħu jsiru vinkolanti fuq l-Unjoni.

(7) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3] jipprevedi li l-Unjoni trid tassigura li l-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura jkunu ambjentalment sostenibbli fit-tul u jkunu ġestiti b'tali mod li jkun konsistenti mal-objettivi li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u relatati mal-impjieg, u mal-objettivi li jingħata kontribut għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel. Dan jipprevedi li l-Unjoni trid timplimenta approċċ ibbażat fuq l-ekosistema, tieħu miżuri ta' ġestjoni u konservazzjoni bbażati fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli, biex tappoġġa l-iżvilupp ta' għarfien u pariri xjentifiċi, biex telimina gradwalment qbid skartat u tippromwovi metodi ta' sajd li jikkontribwixxu għal sajd aktar selettiv u l-evitar u t-tnaqqis, kemm jista' jkun, ta' qabdiet mhux mixtieqa, u

[1] ĠU L 149, 30.4.2021, p. 2.
[2] ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10.
[3] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

għal sajd b'impatt baxx fuq l-ekosistema tal-baħar u r-riżorsi tas-sajd. Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprevedi b'mod speċifiku li dawk l-objettivi u l-prinċipji għandhom jiġu applikati mill-Unjoni bħala parti mit-twettiq tar-relazzjonijiet esterni tagħha dwar is-sajd, mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet speċifiċi adottati skont l-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u jistipula l-prinċipji u l-objettivi tal-ġestjoni tal-istokkijiet ta' interess komuni għall-Unjoni u l-pajjiżi terzi u d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-ftehimiet dwar l-iskambju u l-ġestjoni konġunta.

(8) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd, fir-rigward ta' atti tal-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd li għandhom effetti legali.

(9) Dik il-pożizzjoni u l-ispeċifikazzjoni tagħha jenħtieġ li jiġu stabbiliti mill-Kunsill f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattati, id-Deċiżjoni (UE) 2021/689 u din id-Deċiżjoni. Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkopri l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd għall-perijodu 2021–2026, bl-eċċezzjoni tal-istabbiliment jew ix-xoljiment ta' kwalunkwe grupp ta' ħidma dwar is-sajd u konsultazzjonijiet annwali dwar l-opportunitajiet tas-sajd, li ser ikun kopert minn deċiżjonijiet separati skont l-Artikolu 218(9) TFUE. Din id-Deċiżjoni ma teskludix l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet separati skont l-Artikolu 218(9) TFUE għal kwistjonijiet oħra ta' importanza partikolari.

(10) Il-Parlament Ewropew għandu jiġi infurmat immedjatament u b'mod sħiħ, skont l-Artikolu 218(10) TFUE.

(11) Fid-dawl tan-natura li qed tevolvi tar-riżorsi tas-sajd koperti mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni u l-ħtieġa konsegwenti li l-pożizzjoni tal-Unjoni tqis żviluppi ġodda, inkluż informazzjoni xjentifika u informazzjoni rilevanti oħra ppreżentata qabel jew waqt il-laqgħat tal-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd, jenħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni, f'konformità mal-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera fost l-istituzzjonijiet tal-Unjoni minqux fl-Artikolu 13(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, għall-ispeċifikazzjoni tal-pożizzjoni tal-Unjoni għall-perijodu 2021–2026. Filwaqt li jibnu fuq il-prattika żviluppata fir-rigward tal-konsultazzjonijiet dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-2021, jenħtieġ li dawk id-dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni jiżguraw l-involviment regolari u sħiħ tal-Kunsill u tal-korpi preparatorji tiegħu, f'konformità mal-proċeduri stipulati fid-Deċiżjoni (UE) 2021/689,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd stabbilit bl-Artikolu 8(1), punt (q) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni hija stabbilita fl-Annessi I u II għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-pożizzjoni tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi speċifikata aktar f'konformità mal-Anness III.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2026. Hija għandha tiġi vvalutata kif meħtieġ u, fejn xieraq, riveduta mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni. Fi kwalunkwe każ, għandu jsir rieżami sal-31 ta' Diċembru 2022.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-5 ta' Ottubru 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
A. ŠIRCELJ

ANNESS I

Prinċipji

Il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd stabbiliti bl-Artikolu 8(1), punt (q), tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni għandha tirrispetta l-prinċipji li ġejjin:

(a) l-Unjoni għandha taġixxi f'konformità mal-objettivi u l-prinċipji li l-Unjoni tipprova tilħaq permezz tal-politika komuni tas-sajd (PKS) biex tiżgura li s-sajd ikun ambjentalment sostenibbli fit-tul u jkun ġestit b'mod li jkun konsistenti mal-objettivi li jintlaħqu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjieg, b'mod partikolari permezz tal-miri relatati mar-rendiment massimu sostenibbli kif stabbilit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u l-pjanijiet pluriennali applikabbli, u f'konformità mal-approċċ prekawzjonarju, biex tippromwovi l-implimentazzjoni ta' approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd, biex tevita u tnaqqas kemm jista' jkun il-qabdiet mhux mixtieqa u gradwalment telimina l-qbid skartat, u biex tnaqqas kemm jista' jkun l-impatt tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistemi tal-baħar u fuq il-ħabitats tagħhom, kif ukoll biex tipprovdi, permezz tal-promozzjoni ta' sajd kompetittiv u vijabbli mil-lat ekonomiku fil-livell tal-Unjoni, għal standard ġust tal-għajxien għal dawk li jiddependu mill-attivitajiet tas-sajd filwaqt li jitqiesu l-interessi tal-konsumaturi; u għandha taġixxi f'konformità mal-Artikoli 28 u 33 ta' dak ir-Regolament fir-rigward tal-ġestjoni tal-ħażniet ta' interess komuni;

(b) l-Unjoni għandha tiżgura l-operazzjonalizzazzjoni tal-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd, inkluż it-tħejjija jew l-emendar tar-regoli ta' proċedura tiegħu;

(c) l-Unjoni għandha timmira li tiżgura li l-atti jew il-miżuri li jkollhom effetti legali adottati mill-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd ikunu konsistenti mad-dritt internazzjonali, inkluż mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, mal-Ftehim tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Istokkijiet tal-Ħut Transżonali u Stokkijiet ta' Ħut li Jpassi Ħafna u mal-Ftehim tal-FAO dwar il-Miżuri tal-Istat tal-Port u mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni;

(d) l-Unjoni għandha tiżgura li l-atti jew il-miżuri li jkollhom effetti legali adottati mill-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd ikunu konsistenti mal-Artikolu 494 tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni, inkluż il-promozzjoni tas-sostenibbiltà fit-tul u tal-aħjar użu tal-istokkijiet kondiviżi, l-użu tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli li jkun prinċipalment ipprovdut mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) bħala l-bażi għad-deċiżjonijiet ta' konservazzjoni u ġestjoni, u l-applikazzjoni ta' miżuri proporzjonati u mhux diskriminatorji għall-konservazzjoni tar-riżorsi ħajjin tal-baħar u l-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd, filwaqt li tiġi ppreservata l-awtonomija regolatorja tal-Partijiet, jintlaħqu kondizzjonijiet ekwivalenti bejn il-flotot tal-UE u tar-Renju Unit u jitfittex approċċ kondiviż bejn ir-regoli tal-Partijiet;

(e) l-Unjoni għandha tippromwovi pożizzjonijiet konsistenti mal-aħjar prattiki u mal-pożizzjonijiet meħuda f'fora oħra u konsultazzjonijiet multilaterali u bilaterali fil-Grigal tal-Atlantiku, u tippromwovi l-koordinazzjoni ma' Partijiet oħra u mal-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC);

(f) l-Unjoni għandha taġixxi f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2012 dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-dimensjoni esterna tal-politika komuni tas-sajd;

(g) l-Unjoni għandha timmira li tippromwovi implimentazzjoni f'waqtha mill-Partijiet tal-miżuri adottati skont il-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni fl-oqfsa legali rispettivi tagħhom, b'kont meħud tal-proċeduri interni rispettivi tagħhom.

ANNESS II

Orjentazzjonijiet għall-pożizzjoni tal-Unjoni

1. L-Unjoni għandha tipprova tilħaq l-azzjonijiet li ġejjin fi ħdan il-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd:

(a) id-diskussjoni u l-kooperazzjoni fir-rigward tal-ġestjoni sostenibbli tas-sajd;

(b) il-kunsiderazzjoni ta' miżuri għall-ġestjoni u l-konservazzjoni tas-sajd, inkluż miżuri ta' emerġenza u miżuri biex tiġi żgurata s-selettività tal-attivitajiet tas-sajd. Dan għandu jinkludi t-tfittxija ta' approċċ kondiviż dwar miżuri tekniċi u, fejn xieraq, diskussjonijiet dwar kwalunkwe miżura nnotifikata minn Parti waħda lill-Parti l-oħra;

(c) il-kunsiderazzjoni ta' approċċi għall-ġbir ta' data għal skopijiet ta' ġestjoni tax-xjenza u s-sajd, il-kondiviżjoni ta' tali data, inkluż informazzjoni rilevanti għall-monitoraġġ, il-kontroll u l-infurzar tal-konformità, u l-konsultazzjoni ta' korpi xjentifiċi rigward l-aħjar pariri xjentifiċi disponibbli;

(d) il-kunsiderazzjoni ta' miżuri biex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli applikabbli, inkluż programmi konġunti ta' kontroll, monitoraġġ u sorveljanza u l-iskambju ta' data biex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ tal-użu tal-opportunitajiet tas-sajd u l-kontroll u l-infurzar;

(e) l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' linji gwida għall-istabbiliment tal-qabdiet totali permissibbli (TACs) proviżorji għal stokkijiet speċjali kif imsemmi fl-Artikolu 499(6) tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni dwar it-TACs proviżorji, b'kont meħud tad-diffikultà tas-sajd fl-istess ħin tal-istokkijiet kollha f'sajd imħallat fil-livell tar-rendiment massimu sostenibbli, b'mod partikolari fejn ikun diffiċli ħafna li jiġi evitat il-fenomenu ta' speċijiet bi kwota limitanti, u, fejn meħtieġ, b'kunsiderazzjoni ta' kif jista' jkun meħtieġ li jiġi żviluppat approċċ speċifiku biex jinkisbu riżultati li jikkontribwixxu għall-objettiv ġenerali tal-ġestjoni sostenibbli tas-sajd u tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar fit-tliet dimensjonijiet tagħha f'konformità mal-objettivi tal-PKS, inkluż il-flessibbiltajiet disponibbli skont il-pjanijiet pluriennali;

(f) il-kunsiderazzjoni ta' kwistjonijiet relatati mad-dežinjazzjoni tal-portijiet għall-ħatt l-art, inkluż il-faċilitazzjoni tan-notifika f'waqtha mill-Partijiet ta' tali dežinjazzjonijiet u ta' kwalunkwe bidla f'dawk id-dežinjazzjonijiet;

(g) l-istabbiliment ta' skedi ta' żmien għan-notifika tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 496(3), il-komunikazzjoni tal-listi ta' bastimenti msemmija fl-Artikolu 497(1) u l-avviż imsemmi fl-Artikolu 498(7) tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni;

(h) il-provvista ta' forum għall-konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 501(2) u l-Artikolu 506(4) tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni;

(i) l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' mekkaniżmu għal trasferimenti volontarji matul is-sena tal-opportunitajiet tas-sajd bejn il-Partijiet, kif previst fl-Artikolu 498(8) tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni, mibni fuq kontributi volontarji mill-Istati Membri u li jiżgura li l-Istati Membri li jikkontribwixxu għall-iskambji jibbenefikaw ukoll b'mod proporzjonali minnhom;

(j) il-kunsiderazzjoni tal-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Artikoli 502 u 503 tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni;

(k) is-superviżjoni u l-koordinazzjoni tal-Gruppi ta' Ħidma f'konformità mal-Artikolu 8(4), punt (f), tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni, li ser jiġu stabbiliti u xolti permezz ta' deċiżjoni separata skont l-Artikolu 218(9) TFUE;

(l) it-tiftix ta' qbil dwar il-kwistjonijiet riferuti lill-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd fi kwalunkwe rekord bil-miktub li jirriżulta minn konsultazzjonijiet annwali dwar l-opportunitajiet tas-sajd, abbażi tal-pożizzjoni tal-Unjoni stabbilita għal dawk il-konsultazzjonijiet kif speċifikat aktar taħt din id-Deċiżjoni, inkluż dik iffirmata bejn il-Partijiet fil-11 ta' Ġunju 2021;

(m) it-tiftix ta' qbil dwar il-modalitajiet ta' rieżami skont l-Artikolu 510 tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni.

2. L-Unjoni tista' tipprova tilħaq l-azzjonijiet li ġejjin fi ħdan il-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd:

   (a) il-kunsiderazzjoni tal-iżvilupp ta' strateġiji pluriennali għall-konservazzjoni u l-ġestjoni bħala l-bażi għall-istabbiliment ta' TACs u miżuri oħra ta' ġestjoni;

   (b) l-iżvilupp ta' strateġiji pluriennali għall-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' stokkijiet mhux tal-kwota kif previst fil-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni;

   (c) ir-reġistrazzjoni ta' kwistjonijiet maqbula mill-Partijiet wara konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 498 tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni;

   (d) l-emendar tal-lista ta' obbligi internazzjonali preeżistenti msemmija fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 496(2) tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni;

   (e) il-kwistjonijiet relatati ma' kwalunkwe aspett ieħor ta' kooperazzjoni dwar il-ġestjoni tas-sajd sostenibbli skont il-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni.

3. L-Unjoni għandha, fejn xieraq, tappoġġa l-adozzjoni mill-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd tad-deċiżjonijiet jew tar-rakkomandazzjonijiet li jkollhom effetti legali fir-rigward tal-kwistjonijiet imsemmija fil-punti 1 u 2 ta' dan l-Anness.

ANNESS III

Speċifikazzjoni tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tiġi adottata fi ħdan il-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd

Qabel ma l-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd jadotta atti jew miżuri li jkollhom effetti legali, għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa biex il-pożizzjoni li għandha tiġi espressa f'isem l-Unjoni tkun tqis l-aħħar informazzjoni xjentifika u informazzjoni oħra rilevanti trażmessa lill-Kummissjoni, f'konformità mal-prinċipji u l-orjentazzjonijiet stipulati fl-Annessi I u II.

Għal dan il-għan, u abbażi ta' dik l-informazzjoni, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Kunsill fi żmien suffiċjenti qabel kull laqgħa tal-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd jew kwalunkwe proċedura bil-miktub fil-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn tmien ġranet tax-xogħol qabel dik il-laqgħa jew dak l-użu tal-proċedura bil-miktub, dokument bil-miktub li jistipula d-dettalji tal-ispeċifikazzjoni proposta tal-pożizzjoni tal-Unjoni għad-diskussjoni u l-approvazzjoni tad-dettalji tal-pożizzjoni li għandha tiġi espressa f'isem l-Unjoni.

Il-Parlament Ewropew għandu jiġi informat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE.

Il-prinċipji stipulati f'dan l-Anness għandhom ikomplu jiggwidaw il-ħidma tal-Kummissjoni matul il-laqgħat tal-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd.

Jekk waqt laqgħa tal-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd ma jkunx jista' jintlaħaq qbil sabiex il-pożizzjoni tal-Unjoni tqis l-elementi l-ġodda, il-kwistjoni għandha tiġi riferuta lill-Kunsill f'konformità mal-proċedura stipulata f'dan l-Anness.